MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 941/2001/1

**Avukat Dottor Anthony Rutter Giappone fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera Dywit Spa**

**Vs**

**Polmesh Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attur nomine s-somma ta' hdax-il miljun u sitt mija u erbgha u hamsin elf u hames mija u hamsin liri italjani (Lit 11.654.550) li bir-rata odjerna jammontaw ghal elfejn erba mija u sittax-il lira maltin u tnejn u sebghin centezmi (Lm2416.72) rapprezentanti flus dovuti fuq kiri ta' makkinarju u servizzi.

Bl-imghax kummercjali kalkulat mis-7 ta’ Lulju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inklusi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta’ Lulju 2000 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li gie pprezentat mal-avviz kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 9 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati filf-att u fid-dritt stante illi skond il-ftehim kontrattat bejn il-partijiet l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici mhux dovut.
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ eccipjenti hallset dak kollu li kien dovut minnha skond it-termini tal-ftehim konkluz bejn il-partijiet, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment id-digriet moghti fl-24 ta’ Gunju 2003.

Ikkunsidrat

Illi, kif risultanti a fol 11 tal-atti, minhabba in-natura tal-eccezzjonijiet kif sottomessi mis-socjeta konvenuta, il-Qorti rat li kellha tibda s-smiegh ta’ dan il-kaz billi s-socjeta konvenuta tipproduci l-provi taghha in rigward l-istess eccezzjonijiet u dan minhabba n-natura ta’ dan specjalment in rigward dak fejn gie allegat il-hlas tal-ammont specifikat fl-avviz.  Pero sallum stess, is-socjeta konvenuta, ghal xi raguni jew ohra (ara fol 12 sa fol 18 tal-atti) ma gabet ebda prova in sostenn tal-istess eccezzjonijiet.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tas-socjeta attrici, l-attur nomine, fix-xhieda tieghu moghtija illum stess, ikkonferma, taht gurament, illi l-ammont specifikat fl-avviz kien ghadu dovut sad-data tallum, mis-socjeta konvenuta lill-attur nomine.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta konvenuta inghatat zmien sufficjenti sabiex tissottometti l-provi taghha in rigward iz-zewg eccezzjonijiet u ghalhekk il-Qorti ser tippronunzja s-sentenza finali in rigward l-istess kaz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet imsemmija tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur nomine s-somma ta'Lm2416.72,0 ekwivalenti ghal Lit. 11,654,550 bir-rata ta' kambju vigenti fid-data tal-presentata tal-istess avviz, bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Lulju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Lulju 2000 u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tat-13 ta' Novembru 2001, imsemmi fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------